# LECTIO DIVINA

# Epifanija tal-Mulej

# (Sena B)

## Mt 2, 1-12

**Meta twieled Ġesù f'Betlehem tal-Lhudija, fi żmien is-sultan Erodi, xi maġi mil-Lvant ġew Ġerusalemm jistaqsu**

Wara li fl-ewwel kapitlu Mattew jiddeskrivi l-ġenealoġija ta' «Ġesù Kristu, bin David, bin Abraham» (1,1), fit-tieni kapitlu juri liema kienet il-missjoni tiegħu: dik li jiġbed lejh lill-ġnus (2,1-12) u dik li jbati għall-fidwa tal-poplu tiegħu billi hu stess jgħix it-tbatija tal-eżilju (2, 13ss). Ma nafux eżatt min kienu l-μάγοι (tr. *magoi*) li jiġu mil-Lvant, imma nifhmu li kienu persuni li kellhom għarfien reliġjuż u filosofiku,b'ħila li jaqraw is-sinjali tas-sema (astroloġi): kienu persuni għatxana biex jagħrfu l-verità u għaliha kienu lesti jħallu artijiethom u jmorru jfittxu. Il-wasla tagħhom f'Ġerusalemm tindika t-twettiq tal-wegħdiet, il-wasla tad-dija tal-Mulej, tal-glorja ta' Sijon (cfr *S* 72, 9-12; *Is* 60,1-6). Dawk «ulied il-konkubini» li Abraham kien «bagħathom 'il bogħod minn ibnu Iżakk lejn il-lvant, fl-art tal-lvant» (*Ġen* 25,5), *iqumu* (Lvant – minn *levante*; gr. «ἀνατολή» [tr. *anatole*] – qawmien/tlugħ tax-xemx u l-kwiekeb; il-post minn fejn tqum/titla' x-xemx) sabiex jiftħu l-purċissjoni tal-ġnus lejn dak li permezz tal-Evanġelju tiegħu ġew imsejħa «biex ikollhom sehem mill-istess wirt, ikunu membri tal-istess ġisem, ikollhom sehem mill-istess wegħda» tal-Poplu l-Magħżul (*Efes* 3,6). It-twelid ta' Kristu fi «żmien is-sultan Erodi» jinawgura żminijiet ġodda li fihom dawk imbiegħda ser joqorbu lejn Alla aktar minn dawk li huma fil-qrib: il-ġeografija spiritwali/tal-qlub hija bil-maqlub ta' dik fiżika/materjali: «inqanqal il-ġnus kollha, u l-ġid kollu tal-popli jiġi kollu hawn, u nimla dan it-tempju bil-glorja» (*Ħag* 2,7; cfr *Mt* 21,33ss; 22,1-14).

**«Fejn hu dak li twieled sultan tal-Lhud? Għax rajna l-kewkba tiegħu tielgħa u ġejna nqimuh.» Is-sultan Erodi sama' bihom, u tħawwad hu u Ġerusalemm kollha miegħu.**

Kif Alla staqsa lill-bniedem imriegħex u mħawwad fid-dnub «Fejn int?» (*Ġen* 3,9), hekk issa l-miġja ta' Alla magħmul bniedem fid-dinja twassal biex il-bniedem jistaqsi «fejn hu dak li twieled». Wara vjaġġ twil, il-maġi għadhom jistaqsu. Huma ħallew il-kumdità ta' djarhom u ma beżgħux jirriskjaw sabiex isibu lil dak li qed ifittxu. "*These were also, and above all, men of courage, the courage and humility born of faith. Courage was needed to grasp the meaning of the star as a sign to set out, to go forth – towards the unknown, the uncertain, on paths filled with hidden dangers. We can imagine that their decision was met with derision: the scorn of those realists who could only mock the reveries of such men. Anyone who took off on the basis of such uncertain promises, risking everything, could only appear ridiculous. But for these men, inwardly seized by God, the way which he pointed out was more important than what other people thought. For them, seeking the truth meant more than the taunts of the world, so apparently clever.*" (Benedittu XVI, 6 Jan 2013).
Il-kewkba li raw l-għorrief setgħet kienet fenomenu dovut għall-konġunzjoni tal-pjaneti Ġove u Saturnu (li seħħet fis-sena 6-7 q.K.), biss x'seta' kien il-fenomenu fis-sema, dan waħdu ma kienx ser iqanqal lill-maġi biex jieħu dan ir-riskju. X'aktarx li kienu jafu bil-profezija ta' Balgħam: «Għad titla' kewkba minn Ġakobb… u jqum xettru minn Iżrael» (*Num* 24,17).

**Ġabar flimkien il-qassisin il-kbar u l-kittieba kollha tal-poplu, u ried jaf mingħandhom fejn kellu jitwieled il-Messija. U huma qalulu: «F'Betlehem tal-Lhudija, għax hekk inkiteb mill-profeta: «U int, Betlehem, art ta' Ġuda, le, m'intix l-iżgħar fost il-bliet il-kbar ta' Ġuda, għax minnek joħroġ mexxej li jirgħa l-poplu tiegħi Israel.»**

Il-persuni li Erodi jsejjaħ huma l-awtorità reliġjuża tal-Poplu: il-qassis il-kbir, ta' warajh, il-kapijiet tal-erbgħa u għoxrin familja saċerdotali (cfr *1Kron* 24, 4-19), u l-«kittieba» li kienu persuni għorrief fl-Iskrittura, membri tas-Sinedriju, li kellhom il-missjoni li jinterpretawha biex jisiltu r-regoli dwar il-kondotta tal-ħajja ġudajka (cfr *Esd* 7,6.11). Mill-ewwel darba li jidhru dawn il-kategoriji, joħroġ l-atteġġjament indifferenti – u mbagħad vjolenti – li jkollhom lejn is-sultan tal-Lhud li jitwieled (cfr *Mt* 21,15; 26,3; 27,1). It-tweġiba li jagħtu għall-mistoqsija tal-Maġi jisiltuha mill-profeta *Mikea* (5,1) u mit-*Tieni Ktieb ta' Samwel* (5,2). Il-mod kif jaħdem Alla jmur kontra l-loġika tad-dinja għaliex hu jagħżel dak li hu żgħir, insinifikanti, imwarrab, mistmerr sabiex juri l-kobor, is-setgħa, il-glorja u s-salvazzjoni tiegħu – l-istil paradossali ta' Alla li jirrivela lilu nnifsu *sub contraria specie*. Hekk ukoll Alla jsejjaħ

dawk li huma l-aktar imwarrba – ragħajja – jew imbiegħda – magi – biex jagħtuh qima. Dan huwa wkoll il-mod ta' kif isejjaħ Alla: «Alla għażel in-nies boloh għad-dinja biex iħawwad l-għorrief; għażel id-dgħajfa tad-dinja biex iħawwad il-qawwija; għażel il-mistmerra mid-dinja, u n-nies li ma huma xejn, biex iġib fix-xejn 'il dawk li huma xi ħaġa […] Minnu li intom tinsabu fi Kristu Ġesù li sar għalina l-għerf mingħand Alla, ġustizzja, qdusija u fidwa, biex bħalma hu miktub, "min jiftaħar, ħa jiftaħar fil-Mulej".» (*1Kor* 27-28.30-31).

Minkejja t-tmien kilometri li jifirdu lill-Betlehem ta' Ġuda minn Ġerusalemm, kemm Erodi kif ukoll il-qassisin il-kbar u l-kittieba li jagħtu interpretazzjoni korretta tal-Iskrittura, jibqgħu fejn huma. Filwaqt li Erodi huwa *interessat* li jsib lis-sultan tal-Lhud, il-qassisin il-kbar u l-kittieba ma jesprimu l-ebda tip ta' reazzjoni. Tagħhom hija "teoloġija ta' madwar il-mejda" nieqsa minn applikazzjoni konkreta fil-ħajja (cfr *Evangelii gaudium*, 133).

**Erodi mbagħad sejjaħ lill-maġi bil-moħbi, u tkixxef bir-reqqa kollha mingħandhom iż-żmien li fih dehritilhom il-kewkba; bagħathom Betlehem u qalilhom: «Morru, staqsu sewwa għat-tifel, u meta ssibuh ejjew għiduli, ħalli jien ukoll niġi nqimu»**.

Aktar tard fil-Vaġelu nsiru nafu li Erodi ma kellux ix-xewqa li jqim lit-tarbija imma li joqtolha (v.16). Naraw il-profil tal-ipokrita li jrid jonsob lill-bniedem li qed ifittex lil Alla (cfr *Eż* 1,10; *1Sam* 18,21; *S* 10,9-10; 55,21; 64,4-6; 83, 3-4); tal-bniedem li marid bil-*mondanità spiritwali* "li tinħeba wara apparenzi ta' reliġjożità u saħansitra ta' mħabba lejn il-Knisja, [li] tikkonsisti f'li wieħed, minflok il-glorja tal-Mulej, ifittex il-glorja umana u l-ġid tiegħu nnifsu" (*Evangelii gaudium*, 93); tal-bniedem li jara lil Alla bħala theddida għaliex hu għamel lilu nnifsu alla; tal-bniedem li ma jindunaw li dak li twieled ġie sabiex isaltan ħalli kulħadd isaltan flimkien miegħu (cfr *Rum* 5,17; *2Tim* 2,12; *Apok* 5,10).

**Dawk, wara li semgħu lis-sultan, telqu, u ara, il-kewkba li kienu raw tielgħa bdiet miexja quddiemhom sakemm waslet u waqfet fuq il-post fejn kien hemm it-tifel. Kif raw il-kewkba mtlew b'ferħ kbir tassew.**

Fil-Maġi li jistaqsu naraw kif l-għarfien li kellhom tas-sema kien miftuħ għal għejjun ta' għarfien oħrajn: għall-profeziji ta' Iżrael, għat-tiftix ta' risposta minn dawk li huma wlied Abraham (cfr *Rum* 9,4-5). Fihom iseħħ dik li San Anselmu jseħħa l-*intellectus quaerens fidem* (jew *credo ut intelligam*): ir-raġuni weħidha mhijiex biżżejjed, imma tenħtieġ il-fidi li ddawwal is-sens tar-realtà, «għax il-Mulej jagħti l-għerf, minn fommu ġej it-tagħrif u d-

dehen» (*Prov* 2,6). Bid-dawl tal-Kelma ta' Alla, il-Maġi jistgħu jsibu l-Iben għażiż ta' Alla li jwettaq il-profeziji u x-xewqa ta' qalb kull bniedem. Hekk kull min ifittex lil Alla għandu jagħti smigħ għall-kelma mnebbħa minn Alla: «Tagħmlu sewwa jekk toqogħdu attenti għaliha; hi bħal fanal li jagħti d-dawl f'post mudlam, sa ma jibda jbexbex il-jum u f'qalbkom titla' l-kewkba ta' filgħodu» (*2Pt* 1,19).

Il-bniedem li jemmen, li fuqu jiddi d-dawl tal-fidi, isir il-bniedem tat-tfittxija bla head li jidħol f'mixja flimkien mal-oħrajn – kif tqiegħed f'mixja l-maġi flimkien. Din il-mixja tgħaddi minn diversi mumenti frott pedagoġija divina ta' dak Alla li lil min jibża' minnu «juri t-triq li għandu jagħżel» (*S* 25,12), li b'sabar tgħin lill-bniedem biex bil-mod il-mod jersaq dejjem aktar lejn id-dawl veru (cfr *Ġw* 1,9): "Il-kewkba titkellem dwar is-sabar li Alla jieħu b'għajnejna, li jridu jidraw id-dija tagħha. Il-bniedem reliġjuż jinsab f'mixja u jrid ikun lest li jitħalla jitmexxa, li joħroġ minnu nnifsu biex isib lil Alla li dejjem jgħaġġibna." (*Lumen fidei*, 35).

**Meta mbagħad daħlu d-dar u raw it-tifel ma' ommu Marija, inxteħtu fl-art iqimuh; fetħu t-teżori tagħhom u offrewlu rigali deheb, inċens u mirra.**

Il-maġi huma miftuħa għas-sorpriżi ta' Alla li jirrivela lilu nnifsu f'παιδίον (tr. *paidion*), fl-umiltà ta' dar. L-atteġġjament tagħhom huwa dak ta' adorazzjoni (gr. προσκυνέω, tr. *proskuneo*) li tinxteħet mal-art quddiem il-kobor ta' Alla. L-adorazzjoni titlob li huma jwarrbu kull idea li seta' kellhom tad-divinità u kull kunċett ta' setgħa u poter. L-adorazzjoni tagħhom hija espressa bit-teżori li joffrulu li jfissru l-għarfien ta' dak it-tifel bħala Alla-Sultan tal-ġnus kollha (cfr *S* 72, 10-11.15; *Is* 60,6), u dak li kellu jara l-mewt u d-difna (cfr *Ġw* 19,39). L-adorazzjoni awtentika twassal sabiex il-bniedem li jagħraf lit-tifel bħala Alla, jidħol ukoll għas-servizz tiegħu sabiex iwasslu s-saltna tiegħu sa truf l-art. Hu stess irid bħalu jidħol fil-loġika tiegħu ta' umiltà, għotja, qadi, mewt-qawmien.

**Imbagħad, billi kienu mwissijin f'ħolma biex ma jerġgħux imorru għand Erodi, telqu lura lejn arthom minn triq oħra.**

Il-laqgħa tagħhom ma' Kristu tagħmel lill-Maġi nies aktar ħielsa minn persuni ħżiena bħal Erodi. Huma jagħmlu għażla li jaqbdu triq oħra li se tbiegħdhom mill-favuri tas-setgħanin għax jafdaw aktar f'Alla milli fil-bniedem (*Eż* 1,17; *Atti* 4,19; 5,29). It-triq tagħhom issir it-tifel li marru jqimu (cfr *Ġw* 14,6).